MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2015

Numru. 630/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**
**SPETTUR ROBERT VELLA**

**VS**

**BRANDON DEMANUELE**
**(ID Nru.: 376692M)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 630/2011**

Illum, 28 ta` Lulju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Brandon Demanuele, detentur tal-karta tal-identita` numru 376692 (M).

**Akkuzat talli:**

Flimkien ma` persuni ohra, gewwa Santa Venera nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta` Awwissu, 2010, f'xi hin bejn it-tmienja u nofs (20:30hrs) u d-disgha u nofs (21:30hrs) ta` filghaxija, ikkommetta serq ta` flus u pakketti tas-sigaretti minn gewwa magna tas-sigaretti li kienet gewwa l-klabb tal-hamiem li jinsab fi Triq il-Lunzjata, Santa Venera, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu tal-ewro (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija disgha u ghoxrin ewro (€2,329.37), u dan sar ghad-detriment ta` Brian Micallef u/jew persuni ohra;
Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi l-mija u sittax ewro u sebgha u erbghin centezmu tal-ewro (€116.47) u dan ghad-detriment ta` Brian Micallef u/jew persuni ohra.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 261 u 262 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti semghet is-sussegwenti xhieda:

1. Casidene Galea,
2. Brian Micallef,
3. PC31 Mario Farrugia,
4. PS8 Stephen Bezzina,
5. Paul Camilleri,
6. Maurice Cini, kif ukoll rat is-sussegwenti dokumenti, iz-zewg stqarrijiet tal-imputat, l-okkorrenza, kif ukoll il-prova tar-ricediva vis-a-vis l-imputat bis-sentenza esebita ta' Pulizija vs Maurice Busuttil et deciza fis-sittax (16) ta' Mejju, 2011.

Illi minn dawn il-provi prodotti u minn dawn id-dokumenti esebiti din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni illi l-imputazzjonijiet jirrizultaw.

**Ghal dawn il-motivi:**

Waqt li dina l-Qorti ssibu hati izda *tenendo conto* tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat milli jikkommetti reat iehor ghal zmien sena (1) mill-lum a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------